**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum, 23 ta' Novembru, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**-vs-**

**Anthony Bonello detentur tal-Karta tal-Identità numru 225497M**

Kumpilazzjoni Nru. 1034/2014

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Anthony Bonello talli:

> Nhar l-10 ta' Awwissu, 2014, gewwa Gianpula, Limiti tar-Rabat ħebb għal Lee Moshe Denarao u kkaġuna offizi ta' natura gravi kif iċċertifikat minn Dr Jessica Borg MD; u
>
> Fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, inġurja jew hedded jew jekk ipprovoka, inġurja lil Lee Moshe Denarao b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, in-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, liema reat twettaq meta l-imputat kien ghaddej minn zmien xejn pozittiv izda llum anke il-prosekuzzjoni qed taqbel li l-ghalmu tieghu sabiex jirriforma ruhu u fil-fatt qed jaghmel course bhala *care worker*.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 216, 339(1)(e) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**